

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2515

tal-15 ta' Diċembru 2022

dwar l-għoti ta' aċċess illimitat mingħajr dazju fl-Unjoni għall-2023 għal ċerti oġġetti li joriġinaw min-Norveġja li ġejjin mill-ipproċessar ta' prodotti koperti bir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/859/KE tal-25 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja fuq il-Protokoll 2 għall-Ftehim Bilaterali dwar il-Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja tal-14 ta' Mejju 1973 ⁽³⁾ ("il-Ftehim Bilaterali dwar il-Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja") u l-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE") ⁽⁴⁾ kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 140/2001 tal-23 ta' Novembru 2001 li temenda l-Protokoll 2 u 3 tal-Ftehim ŻEE, dwar prodotti agrikoli pproċessati u prodotti agrikoli oħra ⁽⁵⁾, jiddeterminaw l-arranġamenti kummerċjali bejn l-Unjoni u r-Renju tan-Norveġja għal ċerti prodotti agrikoli u prodotti agrikoli pproċessati.
- (2) Il-Protokoll 3 tal-Ftehim taż-ŻEE jistipula dazju b'rata zero għall-ilmijiet li fihom iż-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud jew imħawrin, li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 2202 10 00, u għal xarbiel mhux alkoħoliċi oħrajn li ma fihomx il-prodotti tal-intestaturi 0401 sa 0404 jew xaħam miksub mill-prodotti tal-intestaturi 0401 sa 0404, li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 2202 90 10.
- (3) Fl-1 ta' Jannar 2017, il-kodiċi NM 2202 90 ġie sostitwit bil-kodiċijiet NM 2202 91 00 u 2202 99, li ġew sostitwiti bil-kodiċi NM 2202 10 00. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikopri l-prodotti tal-kodiċi NM 2202 10 00, ex 2202 91 00 u ex 2202 99.
- (4) Il-Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja fuq il-Protokoll Nru 2 għall-Ftehim bilaterali dwar il-Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ⁽⁶⁾ ("il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri") temporanjament jissospendi r-reġim mingħajr dazju applikat skont il-Protokoll 2 għal oġġetti kklassifikati taħt il-kodiċi NM 2202 10 00 (ilmijiet, inkluż ilmijiet minerali u l-ilmijiet aerati, li fihom iż-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud jew imħawrin) u ex 2202 90 10 (xarbiel mhux alkoħoliċi oħrajn li fihom iż-zokkor), sostitwit bil-kodiċi NM ex 2202 10 00, ex 2202 91 00 u ex 2202 99. F'konformità mal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, l-importazzjonijiet mingħajr dazju fuq dawk l-oġġetti, li joriġinaw min-Norveġja, jiġu permessi biss fil-limiti ta' kwota mingħajr dazju. Jitħallas dazju fuq l-importazzjonijiet li jaqgħu l-kwota mingħajr dazju.
- (5) Barra minn hekk, il-Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri jirrikjedi li l-prodotti kkonċernati jingħataw aċċess illimitat mingħajr dazju fl-Unjoni jekk il-kwota tariffarja ma tkunx ġiet eżawrita sal-31 ta' Ottubru tas-sena preċedenti.

⁽¹⁾ ĠU L 150, 20.5.2014, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 370, 17.12.2004, p. 70.

⁽³⁾ ĠU L 171, 27.6.1973, p. 2.

⁽⁴⁾ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

⁽⁵⁾ ĠU L 22, 24.1.2002, p. 34.

⁽⁶⁾ ĠU L 370, 17.12.2004, p. 72.

- (6) Skont id-*data* mogħtija lill-Kummissjoni, il-kwota annwali għall-2022 għall-prodotti inkwistjoni miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2154 ⁽⁷⁾, ma ġietx eżawrita sal-31 ta' Ottubru 2022. Għalhekk, il-prodotti kkonċernati jenħtieġ li jingħataw aċċess illimitat mingħajr dazju fl-Unjoni mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (7) Għalhekk, is-sospensjoni temporanja tar-reġim mingħajr dazju applikat skont il-Protokoll 2 għall-Ftehim bilaterali ta' Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja jenħtieġ li ma tiġix applikata għas-sena 2023.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-kwistjonijiet orizzontali dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli pproċessati li mhumiex elenkati fl-Anness I,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2023, oġġetti li joriġinaw fin-Norveġja li huma elenkati fl-Anness għandhom jingħataw aċċess illimitat mingħajr dazju għall-Unjoni.
2. Ir-regoli tal-oriġini stabbiliti fil-Protokoll 3 tal-Ftehim Bilaterali ta' Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja għandhom japplikaw għall-oġġetti elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

⁽⁷⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2154 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jiftaħ il-kwota tariffarja għall-2020 għall-importazzjoni, fl-Unjoni Ewropea, ta' ċerti oġġetti li joriġinaw min-Norveġja li ġejjin mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli koperti mir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 66).

Oġġetti li joriġinaw min-Norveġja li għandhom jingħataw aċċess illimitat mingħajr dazju lejn l-Unjoni mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2023

Nru tal-Ordni	Kodiċi tan-NM	Kodiċi tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-oġġetti
09.0709	2202 10 00		— Ilmijiet, inkluż ilmijiet minerali u ilmijiet aerati, li fihom iz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud jew imħawrin
	ex 2202 91 00	10	— Birra mhux alkoħolika li fiha z-zokkor
	ex 2202 99 11	11 19	— Xarriet ibbażati fuq is-sojja b'kontenut ta' proteini ta' 2,8 % jew aktar skont il-piż, li fihom iz-zokkor (sukrożju jew zokkor invertit)
	ex 2202 99 15	11 19	— Xarriet ibbażati fuq is-sojja b'kontenut ta' proteini ta' inqas minn 2,8 % skont il-piż; xarriet ibbażati fuq il-ġewż tal-Kapitolu 8 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, iċ-ċereali tal-Kapitolu 10 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jew iż-żerriegħa tal-Kapitolu 12 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni li fihom iz-zokkor (is-sukrożju jew iz-zokkor invertit)
	ex 2202 99 19	11 19	— Xarriet oħrajn mhux alkoħoliċi li ma fihomx prodotti tal-intestaturi 0401 sa 0404 jew xaħam miksub mill-prodotti tal-intestaturi 0401 sa 0404, li fihom zokkor (sukrożju jew zokkor invertit)